**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dr. Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 164/2019 RM**

**Alessandro u Dorianne konjugi Pirrone**

**vs**

**Omar Mallia**

**Illum, 5 ta' Marzu 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-atturi Alessandro u Dorianne konjugi Pirrone fir-Registru ta' din il-Qorti nhar 2 ta' Awwissu 2019 fejn talbu lil din il-Qorti tikkudanna lill-konvenut ihallashom ossia jirrifondilhom s-somma ta' sebat elef u mitt ewro (€7,100) oltre l-imghax legali mill-31 ta' Jannar 2019, rapprezentanti flus indebitament imhallsa lilu minnhom skond il-kuntratt ta' appalt moghti lilu mill-istess rikorrenti konjugi Pirroni u dan sabiex jaghmel xogholijet ta'dawl u ilma, kisi, tibjid u twahhil ta' madum fil-fond taghhom *'The Gary Mansions'*, Block B, Penthouse 9, Triq il-Granmastri, Marsaskala, liema xogholijiet ma ttewtqux minnhu, u liema somma ghalhekk ghandu jgi kkundannat jirrifondilhom stante li thallsu minnhom indebitament.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali nru. 1238/2019 tal-24 ta' Mejju 2019, *"Dokument A"* hawn anness u bl-ingunzjoni tal-intimat minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut ghalkemm gie debitament notifikat bir-Rikors promotur u bl-avviz tas-smigh tal-kawza permezz tal-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni hekk kif ordnat li jsir permezz ta' digriet moghti fil-15 ta' Ottubru 2019, baqa' ma deherx quddiem il-Qorti biex jikkontesta l-kawza u lanqas ma pprezenta ebda risposta in linea ta' kontestazzjoni tat-talba attrici;

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta' Frar 2020 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-5 ta' Marzu 2020 il-konvenuta wara li gie msejjah diversi drabi, naqas milli jidher biex iwiegeb ghall-kapitolu ghas-subizzjoni tieghu;

Rat illi fl-istess udjenza, l-attur iddikjara illi l-ammont pretiz fir-Rikors promotur ghadu dovut u semghet ukoll lid-difensur tieghu tiddikjara illi l-atturi ma ghandhomx iktar provi xi jressaq u titlob illi l-kawza tithalla ghas-sentenza;

Rat illi fl-istess udjenza tal-5 ta' Marzu 2020, il-kawza giet posposta ghas-sentenza;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Illi t-talba tal-atturi f'din il-kawza hija ghall-hlas tas-somma ta' sebat elef u mitt Euro (€7,100) liema somma l-atturi jsostnu illi giet imhallsa lill-konvenut fuq appalt lilu moghti sabiex isiru xogholijiet ta' dawl u ilma, kisi, tibjid u twahhil ta' madum fil-fond tal-istess atturi gewwa 'The Gary Mansions', Block B. Penthouse 9, Triq il-Granmastri, Marsaskala. Skont l-atturi, dawn ix-xogholijiet appaltati lill-konvenut ma twettqux minnu u ghalhekk jitolbu r-rifuzjoni tal-ammont lilu mhallas indebitament.

Il-konvenut ghalkemm gie notifikat, ma kkontestax it-talba tal-atturi u ma wegibx lanqas ghall-kapitolu li gie pprezentat mill-atturi ghas-subizzjoni tieghu. Skont kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 702 *et seq*. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u skont kif jinsab ukoll pacifikatament ritenut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna[1], in-nuqqas minghajr raguni valida tas-subent li jidher u jwiegeb ghall-kapitoli tas-subizzjoni - li del resto huma intizi biex jaghmlu prova tad-domanda attrici - jitqies bhala prezunta konfessjoni. Madanakollu, billi s-subizzjoni hija biss wahda mill-mezzi ta' prova ta' fatt li tista' tingieb in sostenn tat-talba attrici, huwa wkoll risaput[2] li din il-prova wahedha mhux necessarjament bizzejjed biex tissodisfa l-piz tal-prova inkombenti fuq l-attur ghas-success tal-pretensjoni tieghu. Jinghad ukoll illi l-gudikant m'huwiex marbut f'kull kaz bil-konfessjoni li tista' tirrizulta min-nuqqas li jitwiegbu l-kapitoli tas-subizzjoni, jekk din tikkuntrasta ma' provi ohrajn li jirrizultaw mill-atti processwali, u dan in omagg ghall-principju *actor non probante reus absolvitur*.

Kif inqtal in propositu mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **James Trapani et v. Vincent Cilia**[3], bin-nuqqas tal-konvenut li jwiegeb ghall-kapitoli, dawn "*… … … jitqiesu konfessati pero` dan ma jfissirx li l-Qorti kienet*

[1] Ara **Leonard Incorvaja vs Manwel Camilleri et** – deciza mil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Gunju 2018.
[2] Ara in propositu **Tabib Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et** – deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1952.
[3] Cit. 2357/1996, deciza 28 ta' April 2000.

*obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga` prodotta quddiem il-Qorti."*

Ikkunsidrat;

Illi fil-kaz in dizamina, l-atturi ma ressqux provi ohrajn oltre ghas-subizzjoni tal-konvenut, hlief ghal sejha gudizzjarja ghall-hlas tal-ammont mitlub fir-Rikors promotur, a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, liema interpellazzjoni izda, baqghet ma gietx notifikata lill-konvenut. Madanakollu, il-Qorti tosserva illi ma hemm assolutament xejn fl-atti li jikkontradixxi t-talba tal-atturi jew li jista' jnaqqas mill-effett tan-nuqqas tal-konvenut li jwiegeb ghall-kapitolu ghas-subizzjoni tieghu. B'zieda ma' dan, l-attur Alessandro Pirrone iddikjara quddiem il-Qorti li l-ammont pretiz f'din il-kawza hija dovuta.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti ma ghandha ebda diffikolta` kwalsiasi sabiex tqis illi f'dan il-kaz, in-nuqqas tal-konvenut li jwiegeb ghall-kapitolu ghas-subizzjoni tieghu, ipprovoka il-konfessjoni tieghu. Konsegwentement, b'applikazzjoni tal-Artikolu 702(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hija tal-fehma li l-kapitolu gie debitament mistqarr u accettat mill-istess konvenut u tqis ghalhekk illi t-talba tal-atturi ghall-hlas tas-somma mitluba, giet debitament ippruvata u timmerita li tigi akkolta.

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi talbu l-imghax fuq is-sorte mill-31 ta' Jannar 2019. Ma jirrizultax mill-atti u mill-provi ghaliex l-imghax ghandu jithallas minn dik id-data. Il-Qorti fehmet illi l-obbligazzjoni tat-twettiq tal-appalt ma hijiex obbligazzjoni ta' xorta kummercjali, anke ghaliex huwa premess mill-istess atturi illi l-appalt inghata lill-konvenut ghall-ezekuzzjoni ta' xogholijiet fil-fond taghhom u mhux

ghal skopijiet kummercjali. Konsegwentement, il-Qorti tqis illi l-imgħaxijiet għandhom igħaddu mhux minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita, izda minn dak in-nhar illi saret sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju a tenur tal-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili.

F'dan il-kaz jirrizulta illi l-atturi interpellaw lill-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' €7,100, mertu ta' din il-kawza, permezz ta' ittra gudizzjarja pprezentata fit-28 ta' Mejju 2019 a tenur tal-Artikolu 166A. Madanakollu, dan l-att gudizzjarju baqa' ma giex notifikat lill-konvenut, presumibbilment ghaliex l-ligi tivvjeta li n-notifika tal-att gudizzjarju maghmul ghall-finijiet u skont il-procedura prospettata mill-Artikolu 166A tal-Kap. 12, issir permezz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 187(3) tal-istess Kap. 12 u konsegwentement il-kanonizzazzjoni tal-kreditu kellha necessarjament tinkiseb permezz ta' talba gudizzjarja.

Ghaldaqstant, galadarba ma gietx notifikata, hija l-fehma tal-Qorti li l-ittra gudizzjarja tat-28 ta' Mejju 2019 ma tiswix bhala avviz lid-debitur biex ihallas u ghalhekk ma tiswix lanqas ghall-fini li jibda jiddekorri l-imghax. Dan ifisser illi l-imghax f'dan il-kaz ghandu jinda jiddekorri mid-data tal-ewwel sejha gudizzjarja effettiva li saret lid-debitur ghall-hlas tal-ammont reklamat, liema data f'dan il-kaz, hija d-data tal-prezentata tar-Rikors promotur.

**<u>DECIDE</u>**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-atturi Alessandro u Dorianne konjugi Pirrone u tikkundanna lill-konvenut Omar Mallia sabiex ihallas lill-istess atturi s-somma ta' sebat elef u mitt Euro (€7,100) rapprezentanti rifuzjoni ta' flus imhallas lill-istess konvenut fuq appalt ta' diversi xogholijiet, kif imfisser fir-Rikors promotur, bl-imghax mid-data tal-ewwel sejha gudizzjarja ghall-hlas cioe` id-data tal-prezentata**

**tal-istess Rikors promotur fit-2 ta' Awwissu 2019, u bl-ispejjez kif mitluba kontra l-istess konvenut.**

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**